MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2003

Avviz Numru. 605/1996/1

**Maria Dolores Baldacchino u Joseph Baldacchino**

**Vs**

**Alfred u Maria Falzon**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta’ mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u disghin centezmu (Lm121.90) rapprezentanti danni mill-konvenuti ikkreati minn hsara voluntarja li l-konvenuta ikkagunat fuq karozza numru ta’ registrazzjoni V-6027(M) proprjeta tal-atturi fl-20 ta’ Ottubru 1995 fi Triq il-Mejjilla, Qormi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 2 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi l-pretensjonijiet fl-avviz premess huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti ghaliex il-konvenuti ma kkagunaw ebda danni kif mitluba fl-avviz.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi, f'dan il-kaz, l-atturi qed jallegaw li l-konvenuta fl-20 ta' Ottubru 1995 volontarjament ikkagunat hsarat fuq il-karozza, appartenenti lill-istess atturi, tal-marka "Skoda Favorit" u bin-numru ta' registrazzjoni V-6027(M).

Illi, dwar din l-allegazzjoni, l-attrici (fol 17, 33 tal-istess atti) xehdet li, fid-data msemmija hi kienet irceviet telefonata, u, minn ghamilha, kien, oltre li qal kelma ingurjuza, heddidha '… jiena sejra nifqaghlek il-karozza". Filfatt, meta harget, bil-girja, mid-dar taghha hi kienet sabet '…. li l-konvenuta kienet qabdet u saqet il-karozza taghha ghal gol-karozza tieghi'.

Illi, da parti tal-atturi, giet prodotta, ukoll, binthom, Pauline Baldacchino (fol 34 sa fol 36 ibid) li, 'generalment', kienet tuza l-karozza dannegjata. Difatti, qabel ma sehh dan l-incident kienet hi li uzat l-istess karozza u pparkeggata, filghaxija tal-gurnata qabel l-istess incident fil-post li hi stess indikat lil din il-Qorti, b'referenza, ghal wiehed mir-ritratti esebiti mill-istess xhud a fol 38, u li gie markat b'salib f'cirku fuq in-naha ta' wara tieghu. B'referenza ghal dan ir-ritratt, ix-xhud specifikat li kienet parkeggat l-istess vettura fejn hemm 'dik il-vettura kulur griz'. Dwar dan, hi ssottomettiet li pparkejjata '… parallel mal-hajt muri' u ' b'zewg roti (tal-lemin) fuq l-bankina ….'. Fil-jum tal-incident, ghall-habta tas-7a.m. meta l-attrici, ommha, kienet qajmitha minhabba l-incident kif deskritt minn ommha hi ittawlet il-barra u kienet rat lill-istess konvenuta fil-karozza misjuqa minn din waqt li kienet '… miexja l-quddiem u lura ghal xi erba' darbiet minghajr ma tolqot il-karozza ta' ommha. Meta nizlet l-isfel, hi rat li l-konvenuta kienet parkeggat il-vettura taghha quddiem dik ta' ommha.

Illi, hu rilevanti hafna, dak li xehed PS 1219 Charles Zammit (fol 28 et seq ibid) li investiga dan il-kaz, wara r-rapport maqbud mill-attrici, li kopja tieghu hi esebita a fol 31 tal-atti. Dan spjega li fil-jum in kwistjoni ghall-habta tas-7.25a.m., kien ircieva r-rapport li sar mill-attrici dwar l-istess incident, liema incident allegatament kien gara madwar ghaxar minuti qabel. Meta investiga dan ir-rapport hu semma' li l-konvenuta kienet cahdet dak allegat fil-konfornt taghha kif hemm imnizzel fl-avviz in esami. Pero' l-istess konvenuta kienet ammettiet mieghu '….. li kienet cemplet lill-attrici u li kienet hedditha…'. Mill-istess xhieda jigi notat ulterjorment li hu kien ra li "Il-karozza tal-attrici …. Kellha daqqa fuq il-bieba' u kien ta' citazzjoni ('ticket') lill-attrici 'stante li din kienet qed tiz(n)gombra xi ftit il-garage tal-konvenuti' meta ra li l-karozza tal-attrici kienet parkeggata n-naha l-ohra tat-triq liema triq ma hix wiesa.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 44 et seq ibid) tista' tghid, cahdet kollox. Difatti hi sostniet li harget il-karozza appartenenti lill-istess konvenuti mill-garage' taghhom, sitwat fl-istess triq u ma gara' xejn. Wara li harget il-karozza mill-garage u meta kienu ghaddew madwar tlett kwarti, kienu gew il-Pulizija ossija PS 1219 Charles Zammit. Hawnhekk hi qalet lill-istess Pulizija li ma setghetx laqtet il-karozza tal-atturi peress li ma kienx hemm vetturi" quddiem il-bieb. Hawnhekk, pero' il-konvenuta semmiet li l-istess Surgent tal-Pulizija kien kellimha fl-'24 ta' Ottubru' u mhux fid-data tal-incident in esami, kif specifikata fl-avviz. Inoltre 'tmint ijiem qabel', peress li kienet sabet il-karozza tal-atturi "quddiem il-bieb taghna" hi kienet ghamlet telefonata lill-istess attrici sabiex tghidilha '… li ser nifqalha l-karozza taghha' (ara ukoll ix-xhieda tal-konvenut a fol 52 ibid).

Ikkundrat

Illi, annessa mal-atti, tinsab esebita kopja informi ta' sentenza moghtija fil-proceduri kriminali kontra l-konvenuta odjerna in konnessjoni mal-istess incident.

Pero’ ghandi jinghad li din il-Qorti ma kkonsidratx din is-sentenza ghax a) din il-kopja ma hix awtentikata b) hu ben saput li proceduri kriminali u dawk civili huma indipendenti minn xulxin u b’hekk, anke fuq din il-basi, dan id-dokument kellu jkun inammissibbli bhala prova.

Illi, kif inghad il-konvenuta cahdet data li allegat l-attrici fil-konfront taghha. Pero hu fatt, ammess mill-istess konvenuta, li fil-perjodu in kwistjoni hi kienet permezz ta’ telefonata, heddedt lill-attrici li kienet ser taghmel dak li hemm premess fl-avviz in esami. Dan, filfatt juri, fil-fehma ta’ din il-Qorti li l-konvenuta effettivament u fuq basi ta’ probabilta’ ikkagunat hsara fil-karozza tal-attrici u dan dolozament ossija volontarjament.

Ikkunsidrat

Illi l-’quantum’ ta’ danni ma giex kontestat mill-konvenuti (ara l-annessi dokumenti markati minn MD 1 sa MD6 a fol 19 sa fol 22 tal-atti u fol 39 sa fol 41 ibid).

Ghal dawn il-motivi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm121.90,0 bl-imghax legali mit-22 ta‘ Lulju 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-presenti proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------